**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Lulju 2020**

**Rikors nru: 39/2020 AGV**

**AB**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB,** pprezentat fil- 31 ta' Jannar 2020, li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet zzewwgu fil-Knisja Parrokjali ta' San Bastjan, Hal-Qormi, fl- 4 ta' Gunju 2005 (Ara Dokument A anness), u minn daz-zwieg, twieldu zewg ulied, D li twieldet fl- 14 ta' Frar 2007 u E li twieled fid-29 ta' Mejju 2010;
2. Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat in atti tan-Nutar Dr. Francesca Schwalbe (nee' Spiteri Maempel), fid- 9 ta'

Ottubru 2015 (Dok. B), izda ilhom jghixu separatament minn xi xhur qabel did-data.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, stante li minbarra li ilhom separati legalment ghal dal-ahhar erba' snin u nofs illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi l-manteniment tal-ulied minuri huwa regolat fi klawzola 5(c)(iii) tal-kuntratt ta' separazzjoni u l-esponenti tiddikjara li hija dejjem tircievi l-manteniment b' mod regolari;
5. Illi dal-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta
6. Illi l-esponenti tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' F.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lid-direttur tar-registru pubbliku jaghmel dak kollu necessarji sabiex l-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u jsiru dawk l-annotazzjonijiet necessarji;
c. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta tal-intimat CB,** datata 14 ta' Lulju 2020 fejn espona bir-rispett u kkonferma;

**1.** Illi fl-ewwel lok l-esponenti jaghti ruhu b' notifikat bir-rikors tar-rikorrenti tal- 31 ta' Jannar 2020.

2. Illi jinghad li mhux kontestat li l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku nhar id- 9 ta' Ottubru 2015, in atti tan-nutar Dr. Francesca Schwalbe, filwaqt li ilhom jghixu separatament minn qabel l-imsemmija data.
3. Illi lanqas ma huwa kontestat illi l-partijiet ilhom jghixu snin twal hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi inoltre' l-esponent jikkonferma li huwa dejjem onora l-obbligi tieghu b' mod shih koncernanti l-manteniment ghal ulied il-partijiet;
5. Illi l-esponenti ma ghandu ebda oggezzjoni ghat-talbiet hekk kif maghmula mir-rikorrenti fir-rikors taghha.
6. Illi ghal kull buon fini l-esponenti umilment jixtieq li ghal dak li jikkoncerna l-ispejjez ta' dil-kawza, kull parti ghandha ggorr responsabilita' u tbati l-ispejjez minnha maghmula ghal-otjjeniment ta' dad-divorzju.

Tant ghandu x' jissometti l-esponenti f' dal-istadju a savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tilqa' it-talba tal-esponenti biex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' F.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**